**23 ta' Ġunju, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Fortunata Calleja et

*versus*

Vincent Gulia

**Senserija — Serviġi — Kumpens**

*Fil-kamp ċivili, jekk is-sensal ikun ikkonċilja l-partijiet dwar is-sostanzjali u l-aċċidentali ta' l-operazzjoni, b'mod illi n-negozju ġuridiku jiġi konkluż, iżda x-xogħol tas-sensal ma jkunx koronat bl-esekuzzjoni effettiva għal xi raġuni li ma tkunx it-tort jew il-fatt tiegħu, huwa għandu dejjem dritt għall-ħlas, mhux għas-senserija kollha, imma għal kumpens in bażi għall-mandat jew lokazzjoni b'opera, fissabbli dikrezjonalment mill-Qorti.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija — illi l-konvenut kien inkariga lill-attriċi bħala sensala in konnessjoni mal-akkwist

b'titolu ta' subenfitewsi tal-fond numru sitta u erbgħin (46) Saint George's Road, San Giljan, bil-kondizzjoni illi s-senserija ntiera titħallas mill-konvenut; u billi wara li l-attriċi kienet irrendiet diversi serviġi in konnessjoni mal-akkwist tal-istess fond l-konvenut abusivament warrab lill-attriċi u ikkonkluda l-kuntratt ta' subenfitewsi in kwistjoni fl-11 ta' Marzu, 1963, fl-atti tan-Nutar Dr Maurice Gambin (Dok A) direttament mas-sid; u billi meta l-konvenut ġie interpellat biex iħallas lill-attriċi s-somma dovuta lilha għas-senserija u/jew serviġi fuq imsemmija l-konvenut offra biss is-somma ta' sitt liri (£6) liema somma fuq rifjut tal-attur ġiet depositata mill-istess konvenut fl-20 ta' April, 1963 — talbu li l-konvenut jiġi kundannat minn dina l-Qorti jħallas lill-atturi dik is-somma li tiġi likwidata bħala kumpens tax-xogħol tal-attriċi ta' medjazzjoni u/jew tas-serviġi tagħha in konnessjoni mal-akkwist da parti tal-konvenut b'titolu ta' subenfitewsi tal-fond numru 46, Saint George's Road, San Giljan, fil-11 ta' Marzu, 1963, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin (Dok A) bl-ispejjeż u bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza.

Omissis.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi l-attriċi ma għandhiex dritt għas-senserija in konnessjoni ma l-akkwist tas-subenfitewsi temporanja ndikat fl-att taċ-ċitazzjoni; illi l-konvenut offra lill-attriċi għal prestazzjonijiet jew serviġi illi rrendiet somma ta' sitt liri (£6) li ġiet rifjutata u għaldaqshekk il-konvenut iddepożitaha taħt l-awtorità tal-Qorti kompetenti fil-30 ta' April, 1963, qabel ma saret din il-kawża;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-attriċi qegħda titlob kumpens li għandu jiġi likwidat minn dina l-Qorti għax-xogħol ta' medjazzjoni jew tas-serviġi li hija pprestat lill-konvenut in konnessjoni mal-akkwist li huwa għamel b'titolu ta' subenfitewsi tal-fond nru. 46, St George's Road, San Giljan, fil-11 ta' Marzu, 1963, fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin.

Ikkunsidrat:

Li milli jidher, skond il-pretensjoni tal-attriċi, kif formulata, dina tippretendi li għandha dritt għas-senserija għaliex il-konvenut warrab lill-attriċi meta dina kienet ressqitu mas-sid u mar minn jeddu jikkonkludi l-operazzjoni, b'kondizzjonijiet aktar iebsin minn dawk li kienet ġibitlu s-sensala.

Li, ma jirriżultax li f'ebda mument l-attriċi rnexxiela tikkonkludi l-operazzjoni, tant huwa hekk, li l-konċidenti ma kienitx aċċettat mill-ewwel l-offerta tar-rata taċ-ċens ta' £55, u l-kuntratt sar b'ċens ta' £64, li wara xi ġbid, ġie konkluż permezz tas-sensala ieħor Lewis Abela, li kien ħajjar lill-konvenut jagħmel offerta aktar għolja, biex ikun jista' jieħu l-post. L-attriċi ma indaħlitx iżjed bejn is-sid u l-konvenut, u dana qal li qabel il-kuntratt lill-attriċi ma rahiex iżjed.

Li, mid-deposizzjoni ta' Olga Grech, imbagħad jemerġi inkonfutabilment il-fatt li l-attriċi f'dina l-operazzjoni qatt ma setgħet tiġi tenuta bħala sensala, iġifieri li jikkompeti lilha dritt ta' senserija skond il-liġi, għaliex mhux biss qatt ma semmiet il-persuna tal-konvenut magħha u anqas qatt ma resqitu għandha biex jiġu faċilitati t-trattaturi tal-operazzjoni, iżda irriżulta li fuq dana l-post kien ġie sensal ieħor u talab lis-sid xi post għall-konvenut. Dana s-sensal kien ġieb miegħu l-konvenut xi xahrejn qabel ma kienet marret għandha l-attriċi (fol: 27) u kien dana s-sensal li kkonkluda l-operazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li l-prinċipji tal-ġurisprudenza tagħna in subjecta materia jistgħu jiġu hawn kompendiati fl-iżvilupp cronoloġiku tagħhom, għall-fini li tiġi aħjar affrontata u deċiża l-kwistjoni preżenti. Antikament ġa mis-sena 1864 fuq it-tagħlim ta' Azuni u ta' Stracca, il-Qorti kienet tat lil sensal is-senserija intiera billi dana kien ikkonkluda l-operazzjoni allavolja dina ma ġietx esegwita bi ħtija ta' xi wieħed jew ieħor mill-kontraenti (Kollez. Vol. III, paġ. 172; IX, p. 145).

Suċċessivament, fis-sens 1889 lil dina l-materja ġie attribwit dak l-oriġentament, li baqa' sallum u ċioè, li s-sensal meta jkun laqqa' l-partijiet għall-konklużjoni tal-operazzjoni ħaqqu jieħu kumpens li għandu jiġi fissat diskrezzjonalment mill-Qorti. (Kollez. Vol. XII, p. 125). Il-Ġurisprudenza baqgħet kostanti u uniformat ruħha ma' dana l-prinċipju sallum (Kollez. XIV p. 272; XXXVII, i, 89 u s-sentenzi riportati fiha).

Li, għalhekk huwa ormai paċifiku fil-ġurisprudenza illi fil-kamp ċivili, jekk is-sensal ikun ikkonċilja l-partijiet dwar is-sostanzjali u l-aċċidentali tal-operazzjoni, b'mod li n-negozju ġuridiku jiġi konkluż; iżda li jekk ix-xogħol tiegħu ma jkunx koronat bl-esekuzzjoni effettiva għal xi raġuni li ma tkunx it-tort jew il-fatt tiegħu, huwa għandu dejjem dritt għall-ħlas; mhux għas-senserija piena, imma għall-kumpens in basi għall-mandat jew lokazzjoni d'opera, fissabbli diskrezjonalment mill-Qorti (Kollez. XXXIII, ii, 23 u s-sentenzi ċitati fiha). B'dana l-mod ġiet superata d-diffikultà introdotta fil-ġurisprudenza li ma kienitx tammetti dritt ta' senseria u anqas kumpens fin-nuqqas ta' konvenzjoni bil-miktub fejn rikjesta bil-liġi għall-validità tal-operazzjoni (Kollez. XXV, ii, 598; XXVII, ii, 321).

Ikkunsidrat:

Li mill-provi fuq riferiti jidher abbondantement, li l-każ tal-attriċi mhuwiex kopert mir-rekwiżiti fuq enunċjati li jintitolawha għad-dritt tas-senserija. Għalhekk tibqa' b'indaġini dwar liema kumpens għandu jiġi fissat diskrezzjonalment *mill-Qorti għax-xogħol minnha prestat f'dina l-operazzjoni.*

Ikkunsidrat:

Li mix-xhieda ta' Olga Grech, proprjetarja tal-fond in kwistjoni rriżulta li l-attriċi ma marritx għandha aktar minn tliet darbiet, u qatt ma ħadet magħha l-konvenut (fol. 27). Fuq dina ċ-ċirkustanza Olga Grech hija korroborata minn Maryanne Cossai, li kienet taħdem magħha (fol. 28, 29). Meta l-attriċi ħadet lill-konvenut biex jara l-post, marru flimkien filkarozza tal-istess konvenut. L-attriċi toqgħod tas-Sliema, u *d-distanza mid-dar tagħha* sal-post in kwistjoni, mhiex tali li kienet tirrikjedi telf ta' żmien ta' ċerta rilevanza. M'għandux jintesa li l-attriċi kienet is-sensala ta' Olga Grech, u kellha f'idejha inċidentalment iċ-ċwievet ta' dana l-fond flimkien ma ta' fondi oħra tal-istess Grech, li kienu qegħdin għall-kiri. Inoltri, il-kuntratt ġie konkluż permezz tas-sensal Abela, u l-*offerta ta' ċens tal-attriċi kienet inferjuri għal dik li ġiet stipulata* definitivament fil-konċessjoni subenfitewtika. Iċ-ċirkustanza, imbagħad, li l-konvenut kien ġa jaf bil-post, qabel ma indikatulu l-attriċi, tinfluwixxi sostanzjalment fuq il-kriterju diskrezzjonali tal-kumpens li ħaqqa l-attriċi.

Ikkunsidrat:

Li l-partijiet jaqblu li sar depositu favur l-attriċi ta' sitt liri (£6), b'ċedola tal-20 ta' April 1963. Dina l-Qorti hija talfehma li dana l-ammont offert mill-konvenut huwa aktar minn *suffiċjent bħala ħlas għall-kumpens tax-xogħol prestat mill*-attriċi f'dina l-kontenġenza u għalhekk dina l-Qorti, billi irriżultat li d-depositu sar qabel il-preżentata taċ-ċitazzjoni, sejra

*tieħdu in* konsiderazzjoni bħal ħlas għal fini tal-kap tal-ispejjeż.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attriċi, u tikkundanna lill-konvenut iħallsilhom, bħala *kumpens għas-*serviġi s-somma ta' sitt liri (£6) ,l-ispejjeż jibqgħu kollha a karigu tal-atturi.